TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 115/15/F

**Lily Abela**

**vs**

**Maltapost P.l.c.**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Ġunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti fatt illi kienet iġġedded applikazzjoni rigward is-servizz tar-*redirection* tal-posta bil-konsegewenza li żewġ kontijiet tad-dawl, statement tat-taxxa u *invoice* tal-Housing Authority, intilfu.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Illi l-għan prinċipali tal-kawża hija li kellha l-opportunita' li tapplika għal kors li kien b'xejn u ma rċevietx l-applikazzjoni.

L-intimat issottometta diversi eċċezzjonijiet fosthom illi hija nieqsa mil-lista tax-xhieda u t-Tribunal qed jiċħad din l-eċċezzjoni, u li skond l-Artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali m'għandu jinkombi ebda responsabbilta' għal kumpens minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien, u din ukoll it-Tribunal ra l-Liġi, u jikkonsidra illi l-Maltapost plc hija hemm biex tagħti servizz fosthom is-servizz tar-*redirection* li toffri lill-pubbliku u l-fatt li ma tagħmlux ma jeżonerahx mill-ebda responsabbilta', jew ma tagħmlux tajjeb.

Illi t-Tribunal ukoll huwa konvint li anke bl-ammissjoni stess tal-Maltapost plc kien hemm problemi daparti tagħha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888